MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 203/2005

**John u Josephine konjugi Magro – karti ta' l-identita' numri 29552G u 38454G rispettivament**

**vs**

**Mary Cassar – karta ta' l-identita' numru 350551M**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuta, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-atturi ghandhom id-dritt jitterminaw il-kuntratt ta' kera ffirmat bejnithom fit-12 ta' Settembru, 2004 relattivament ghal flat 4, Tower Gate, Jerry Zammit Street, Gzira (qabel limiti ta' Msida) minhabba l-fatt illi hija naqsaet ghal ferm aktar minn xahar illi thallas il-kera dovuta minnha lilhom fit-termini ta' l-istess kuntratt; u prevja wkoll id-dikjarazzjoni illi hija naqset illi thallas il-kera ta' l-istess fond b'effett mit-12 ta' novembru 2004 il-quddiem; tkun ikkundannata sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilha prefiss,

tizgumbra minn dan il-fond u thallih a libera disposizzjoni ta’ l-atturi; tkun ikkundannata thallas lill-atturi s-somma ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750) rapprezentanti l-bilanc ta’ kera dovut minnha mit-12 ta’ Novembru, 2004 sat-12 ta’ April, 2005, salv u impregudikat id-dritt ta’ l-atturi illi jitolbu l-hlas tal-kera ulterjuri sad-data ta’ l-effettiv zgumbrament; bl-interessi fuq din is-somma sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Marzu, 2005, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta’ kompetenza gie dikjarat illi l-valur lokatizzju tal-fond de quo huwa ta’ elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800) fis-sena.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-17 ta’ Mejju, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, tipprefiggi terminu ta’ xahrejn sabiex il-konvenuta tizgombra mill-fond flat 4, Tower Gate, Jerry Zammit Street, Gzira u thallih a libera disposizzjoni ta’ l-atturi u thallashom is-somma ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750) rapprezentanti l-bilanc ta’ kera dovut minnha mit-12 ta’ Novembru, 2004 sat-12 ta’ April, 2005, salv u impregudikat id-dritt ta’ l-atturi illi jitolbu l-hlas tal-kera ulterjuri sad-data ta’ l-effettiv zgumbrament.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz ghas-smiegh kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------